# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVIL

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu, 2002.**

**Kawza Numru: 4**

**Citaz. Nru. 73/99GV**

Doc. No. 228-02

**Mario Galea Testaferrata nominat kuratur deputat b'degriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Lulju, 1981 biex jirraprezenta sidien incerti, Alfred Gera de Petri bhala amministratur testamentarju tal-wirt ta' Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq, Helen Miles, Markiza Agnes Gera de Petri Testaferrata, Anna Maria Spiteri Debono sew proprju kif ukoll ghan-nom tal-Contessina Caren Preziosi, u Nicholas Jensen sew proprju kif ukoll bhala prokuratur ta' l-assenti Irene Bache.**

**Vs**

**Kummissarju ta' l-Art**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi b'rikors numru 20 tal-1981 fil-kaz f'l-ismijiet "Kummissarju tal-Art vs Mario Galea Testaferrata et" pendenti quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet,

l-konvenuit talab li jigi ordnat t-trasferiment tal-art f'dak ir-rikors indikata hawn ezibita u markata Dokument A u dan b'dak il-kumpens li jigi mill-istess Bord iffissat;

Premess illi ma' dak ir-rikors il-konvenut esebixxa stima tal-Perit Oscar Caruana Montaldo tal-15 ta' Settembru, 1975 kopja ta' liema hi hawn ezibita u mmarkata Dokument B;

Premess illi minn xhieda li ta' l-istess Perit Oscar Caruana Montaldo fl'atti tal-kaz fuq imsemmi rrizulta li dik li stima ma kienetx espressjoni hielsa tal-volonta' u perizja tal-istess perit, u ghalhekk kienet nulla u innattendibili;

Premess illi l-konvenut interpellat b'ittra ufficjali ta' Mejju 1998 kopja ta' liema hi hawn ezibita u mmarkata Dok C biex jaddivjenu ghar-rexissjoni tal-istess stima baqa' inadempjenti;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti biex:

1 Tiddikjara nulla u inattendibili l-istima tal-proprjeta' maghmula mill-Perit Oscar Caruana Montaldo tal-15 ta' Settembru, 1975 hawn ezibita u mmarkata Dokument B u dan billi ma hiex espressjoni hielsa tal-volonta' u perizja ta' l-istess perit;

Bl-ispejjez, kontra l-istess konvenuti inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata Mejju 1998.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Kummissarju ta' l-Artijiet a fol. 12 tal-process fejn eccepew:

Illi preliminarjament, l-azzjoni attrici hija intempestiva stante li l-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet mahtur b'ligi specjali, Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu l-fakolta, fost affarijiet ohra, li jiffissa l-ammont ta' kumpens li ghandu jithallas, jiddeciedi dwar l-amissibilita' ta' provi, u li jahtar persuni sabiex jaghmlu stimi ta' art jew li jiddeciedu kwistjonijiet teknici ohra u dan skond l-artikolu 25 subartikolu (1) paragrafu (e), artikolu 25 subartikolu (2) paragrafu (c) u artikolu 25 subartikolu (3) rispettivament, u ghaldaqstant tali azzjoni taqa' taht il-kompetenza ta' l-istess bord;

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija preskritta stante li qed issir allegazzjoni ghal vjolazzjoni ta' ghemil amministrattiv li, skond l-artikolu 469A, subartikolu (3) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, kawza sabiex twaqqa' ghemil amministrattiv ghandha ssir fi zmien 6 xhur minn meta min ikollu nteress isir jaf jew seta jsir jaf b'dak l-ghemil amministrattiv.

Illi subordinarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u bid-dritt stante li huma fl-insaputa tal-esponent li qatt inhargu direttivi li setghu influenzaw lill-Perit Oscar Caruana Montaldo fid-decizjoni tieghu.

Illi subordinarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, l-Perit Oscar Caruana Montaldo huwa persuna professjonali li ghandu l-obbligu li juza b'mod indipendenti u awtonomu il-gudizzju tieghu fuq xoghlu;

Illi subordinarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, ma hemm xejn irregolari fl-istima kif imhejjija mill-Perit Oscar Caruana Montaldo;

Salv kull eccezzjoni ulterjuri spettanti lill-eccipjenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tiddikjara nulla u inattendibili l-istima tal-proprjeta' maghmula mill-Perit Oscar Caruana Montaldo tal-15 ta' Settembru, 1975 Dok B u dan billi ma hiex espressjoni hielsa tal-volonta' u perizja ta' l-istess perit.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa:

**1.** Illi preliminarjament l-azzjoni hija intempestiva stante li l-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet mahtur b'ligi specjali, Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu l-fakolta', fost affarijiet ohra, li jiffissa l-ammont ta' kumpens li ghandu jithallas, jiddecidi dwar l-ammissibilita' ta' provi, u li jahtar persuni sabiex jaghmlu stimi ta' art jew li jiddecidu kwistjonijiet teknici ohra u dan skond l-artikolu 25 subartikolu (1) paragrafu (e), artikolu 25 subartikolu (c) u artikolu 25 subartikolu (3) rispettivament, u ghaldaqstant tali azzjoni taqa' taht il-kompetenza ta' l-istess bord.

**2.** Illi bla pregudizzju l-azzjoni attrici hija preskritta stante li qed issir allegazzjoni ghal vjolazzjoni ta' eghmil amministrativ li, skond l-artikolu 469(a) subartikolu (3) tal-Kap 12, kawza sabiex twaqqa' ghemil amministrattiv ghandha ssir fi zmien 6 xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta jsir jaf b'dak l-ghemil amministrattiv.

**3.** Illi subordinarjament it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi huma fl-insaputa tal-esponent li qatt inhargu direttivi li setghu influenzaw lill Perit Oscar Caruana Montaldo fid-decizjoni tieghu.

**4.** Illi subordinatament u bla pregudizzju l-Perit Oscar Caurana Montaldo huwa persuna professjonali li ghandu l-obbligu li juza b'mod indipendenti u awtonomu il gudizzju tieghu fuq xoghlu.

**5.** Ma hemm xejn irregolari fl-istima kif imhejjiha mill-Perit Oscar Caruana Montaldo.

**VERBAL**

Illi skond verbal tal-15 ta' Ottubru, 1999 (ara fol. 17 tac-Citaz 72/99), il-kawzi 72/99 u 73/99 fl-istess ismijiet) kellhom jinstemghu kontestwalment.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi fit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li l-azzjoni attrici hija preskritta stante li qed issir allegazzjoni ta' vjolazzjoni ta' eghmil amministrativ li, skond l-artikolu 469(a) subartikolu (3) tal-Kap 12, kawza sabiex twaqqa' ghemil amministrattiv ghandha ssir fi zmien 6 xhur minn meta min ikollu nteress isir jaf jew seta jsir jaf b'dak l-ghemil amministrattiv.

Fil-kaz in ezami l-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tiddikjara nulla u inattendibili l-istima tal-proprjeta' maghmula mill-Perit Oscar Caruana Montaldo tal-15 ta' Settembru, 1975 Dok B u dan billi ma hiex espressjoni hielsa tal-volonta' u perizja ta' l-istess perit.

L-atturi qed jibbazaw dina l-pretenzjoni taghhom fuq ix-xhieda li kien tah il-Perit Caruana Montaldo quddiem il-Bord tal-Arbitragg tal-Artijiet fit-28 ta' Jannar, 1997 dwar stima li kien ghamel fil-1975. Il-Perit xehed hekk:

*Bhala perit tad-Dipartiment tal-Artijiet, jiena kien ikolli direttivi biex l-istima tieghi ma teccediex certu limitu, u ghalhekk kieku kont qed naghmel stima fil-liberta' kollha, jien kont nasal ghal stima ghola minn dik li ghamilt.*

Skond l-artikolu 469(A)(3) Kap 12 "*Kawza biex twaqqa' ghemil amministrattiv taht il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skond liema jigi l-ewwel, b'dak l-ghemil amministrattiv.*"

Issa l-atturi fit-28 ta' Settembru, 1997 kienu jafu bix-xhieda tal-Perit Caruana Montaldo li hija l-bazi ta' l-azzjoni odjerna taghhom. Izda l-atturi minn 1997 ipprezentaw dina c-citazzjoni biex iwaqqu ghemil amministrattiv fit-12 ta' Jannar, 1999 oltre s-sitt xhur previsti mill-ligi.

Il-Qorti tista' tieqaf hawn, izda billi l-partijiet trattaw biss il-mertu tul il-kors kollu tal-kawza, ser taghmel dawna l-konsiderazzjonijiet.

L-atturi qed jibbazaw it-talba taghhom fuq xhieda li taha l-perit Caruana Montaldo fejn hu qal li hu kellu direttivi biex izomm l-istimi baxxi. Din hi l-unika prova li kellhom l-atturi, li giet kontradetta u michuda mid Direttur Generali prezenti l-Perit Sciberras u mill ex Kummissarju tal-Artijiet S. Bonello, kif ukoll mill-Prim Ministru ta' dak iz-zmien il-Perit D. Mintoff. Anke x-xhud li gabu l-atturi, l-Perit Schembri kkonferma li *hadd ma kien jindahallu fl-istimi li jaghmel…Id-direttur ma kienx jissuggerili valuri…..Id-direttur lili qatt ma qalli biex inzomm prezz baxx…Ma kellix inflwenza biex nistma post b'xi prezz partikolari. Fol 58/9.* Ghalhekk jirrizulta li mill-provi prodotti l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw li kien hemm xi direttivi jew *policies* fis-sens li ndika l-Perit Caruana Montaldo li wara kollox hu qal li kienu biss viva voce.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-konvenut, tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**